MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 2272/1999/1

***Garden of Eden Limited***

***Versus***

**Jason Ellul**

F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda tfittex għad-danni li ġarrbet fi proprjetà tagħha f'inċident tat-triq.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi fit-3 t'April 1998, f'xi l-5.50 *p.m.*, il-konvenut waqt li kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu numru IAH 451 ħabat max-xarabank numru LCY 921 proprjetà tas-soċjetà attriċi. Minħabba fl-inċident is-soċjetà attriċi ġarrbet danni kbar, ukoll għax għal xi żmien ma setgħetx tinqeda bix-xarabank, u għal dawn id-danni għandu jwieġeb il-konvenut, li iżda għalxejn kien imsejjaħ, ukoll b'ittra uffiċjali tat-13 ta' Mejju 1999, biex iħallas. Is-soċjetà attriċi għalhekk fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti, wara li (1) tgħid illi l-inċident seħħ bi ħtija tal-konvenut waħdu, (2) tillikwida d-danni li ġarrbet l-attriċi u (3) tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni hekk

likwidati, flimkien ma' l-ispejjeż, fosthom dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-13 ta' Mejju 1999, u l-imgħax sa meta jsir il-ħlas.

Il-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

1. l-azzjoni waqgħet bi preskrizzjoni taħt l-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili; il-konvenut irrinunzja għal din l-eċċezzjoni fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2000;
2. l-inċident ma seħħx bi ħtija tiegħu;
3. għandha ssir prova tad-danni li s-soċjetà attriċi tgħid illi ġarrbet.

L-inċident seħħ hekk:

Joseph Ebejer, li dak iż-żmien kien impjegat mas-soċjetà attriċi, kien qiegħed isuq ix-xarabank ta' l-attriċi għat-telgħa fi Triq Ħal Għargħur, sejjer lejn tal-Balal. Il-konvenut kien nieżel mill-istess triq, sejjer fid-direzzjoni opposta. Mnejn kien ġej Ebejer hemm liwja lejn il-lemin. Hekk kif wasal biex idur mal-liwja Ebejer ra li kien hemm vettura parkeġġjata fuq ix-xellug tiegħu u għalhekk ġibed lejn in-nofs tat-triq biex ikun jista' jkompli għaddej fi triqtu. Il-konvenut, meta ra hekk, billi deherlu li x-xarabank ma ħallitlux wisa' biżżejjed biex igħaddi, żamm *brake* u rass mal-ħajt: ħalla *brake mark* ta' għoxrin metru u nofs (20.5m) u ħabat mal-ħajt iżda xorta laqat ix-xarabank bil-pilastru tal-bieba tal-lemin fuq il-ponta tal-lemin ta' quddiem u fuq ir-rota ta' wara tal-lemin. Ix-xarabank ukoll żammet *brake* ta' tmien metri u nofs (8.5m).

Fil-fehma tal-qorti, iż-żewġ sewwiqa jaħtu għall-inċident.

Is-sewwiq tax-xarabank ħoloq emerġenza meta, biex jaqbeż karrozza parkeġġjata, daħal fil-karreġġjata tal-konvenut. Tassew li ma setax jagħmel mod ieħor biex jibqa' għaddej, ladarba kien hemm karrozza parkeġġjata fuq ix-xellug tiegħu u t-triq kienet dejqa. Madankollu, meta tqis illi din il-manuvra għamilha f'liwja fejn kellu viżwali limitata għal traffiku ġej mill-faċċata — traffiku li kellu prijorità, ladarba hu kien ser jidħol fil-karreġġjata tiegħu — il-manuvra ma għamilhiex bil-għaqal biżżejjed, għax kien imissu ħareġ bilmod ħafna, bil-kemm jiċċaqlaq, biex ikun jista' jwaqqaf minnufih — mhux fi tmien metri u nofs, għalkemm għat-telgħa — jekk jara li ġej traffiku mill-faċċata. Il-fatt li ma setax jieqaf minnufih jixhed illi ma kienx attent biżżejjed u kien qiegħed isuq wisq għaċ-ċirkostanzi li kien fihom.

Barra minn hekk, Ebejer stqarr ukoll illi t-triq li kien għaddej minnha kienet magħluqa għal *heavy vehicles* bħal tiegħu ħlief jekk kellhom jagħtu servizz f'dik it-triq. Stqarr ukoll illi għadda minn dik it-triq mhux għax is-servizz kellu jagħtih proprju f'dik it-triq iżda biex iqassar ir-rotta, għax seta' kieku ried għadda minn triq oħra[1].

Il-konvenut ukoll iżda kellu ħtija, għax meta tqis illi ħabat mal-ħajt, ħalla *brake mark* ta' għoxrin metru u nofs (20.5m), u xorta kellu *momentum* biżżejjed biex jagħmel ħsara fil-vettura tiegħu u f'dik ta' l-attriċi, bilfors kien qiegħed isuq aktar milli kien xieraq u għaqli f'dik it-triq, aktar u aktar meta tqis li kien fi triq dejqa u riesaq lejn liwja li ma setax jara warajha.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti hija tal-fehma illi l-ħtija taqa' fuq iż-żewġ sewwiqa f'ishma ndaqs.

Ngħaddu issa għal-likwidazzjoni tad-danni.

Is-soċjetà attriċi qalet li ġarrbet danni ta' elf, seba' mija u ħamsa u ħamsin lira (Lm1,755), li minnhom sitt mija u ħamsa u għoxrin lira (Lm625) huma għal *parts*, mitejn u tmenin lira (Lm280) huma għal xogħol ta' tiswija, tliet mija u sebgħin lira (Lm370) huma għal *spray* u erba' mija u tmenin lira (Lm480) huma għal sitt ijiem *loss of use*[2]. Il-konvenut qiegħed jikkontesta dawn il-partiti kollha.

Dwar l-ispiża għal *parts*, il-konvenut qiegħed igħid illi din hija stima maħduma fuq prezzijiet ta' l-1994 meta l-inċident seħħ fl-1998. Dan hu minnu, iżda r-raġuni kienet illi l-attriċi ħadet il-*parts* li kienu meħtieġa għat-tiswija minn *stock* li żżomm hi, u mhux xtrathom *ad hoc* minħabba l-inċident. Fil-fatt l-istima ta' kemm jiswew dawn il-*parts* ġiet seba' mija u sebgħa u ħamsin lira u disgħa u sebgħin ċenteżmu (Lm757.79)[3], li hu aktar minn kemm qiegħda tippretendi l-attriċi. Il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi din it-talba hija raġonevoli, u sejra tilqagħha.

Dwar xogħol ta' tiswija, il-konvenut qal illi skond *motor surveyor's report* esebit mill-attriċi stess[4] dan ix-xogħol kellu jsir b'mitejn u ħamsin lira (Lm250) u mhux mitejn u

[1] Ara x-xhieda ta' Joseph Ebejer fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2004, *fol*. 99.

[2] *Fol*. 37.

[3] *Fol*. 87.

[4] *Fol*. 45.

tmenin lira (Lm280). Dan hu minnu, u għalhekk il-qorti sejra tilqa' t-talba għal mitejn u ħamsin lira (Lm250) biss.
Dwar l-ispejjeż għal *spray*, il-konvenut qal illi skond l-istess dokument esebit mill-attriċi s-somma ta' tliet mija u sebgħin lira (Lm370) hija wisq għax "inkluż fil-Lm250 *labour* hemm il-materjal". Il-*labour* iżda kien għal xogħol ta' tiswija u mhux għal *spray*. Il-qorti ma tarax li ma għandhiex tilqa' din it-talba ta' l-attriċi.
Il-konvenut jikkontesta wkoll l-erba' mija u tmenin lira (Lm480) mitluba għal sitt ijiem *loss of use* billi ma nġibitx prova ta' dan.
Id-direttur ta' l-attriċi xehed illi biex sar ix-xogħol li kellu jsir mix-xarabank sakemm din issewwiet l-attriċi kellha tinqeda b'vetturi ta' terzi. Il-konvenut qiegħed igħid illi ma saritx prova illi tassew tħallsu erba' mija u tmenin lira (Lm480) lil terzi. Huwa minnu illi l-attriċi ma għamlitx l-aħjar prova għax ma ressqitx biex jixhdu lil dawk li rċevew il-ħlas, u lanqas esebiet imqar ir-riċevuta.
Madankollu, huwa minnu illi l-attriċi ġarrbet telf ta' qligħ sakemm lill-vettura sarulha t-tiswijiet meħtieġa, u l-qorti *arbitrio boni viri* tillikwida dan it-telf fis-somma ta' mitejn u erbgħin lira (Lm240).
Id-danni b'kollox għalhekk jiġu sitt mija u ħamsa u għoxrin lira (Lm625) għal *parts*, mitejn u ħamsin lira (Lm250) għal xogħol ta' tiswija, tliet mija u sebgħin lira (Lm370) għal *spray* u mitejn u erbgħin lira (Lm240) għal *loss of use*, b'kollox elf, erba' mija u ħamsa u tmenin lira (Lm1,485). Il-konvenut għandu jagħmel tajjeb għan-nofs, li jiġi seba' mija u tnejn u erbgħin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm742.50).
Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi tgħid illi l-konvenut għandu n-nofs tal-ħtija għall-inċident li dwaru saret il-kawża, tillikwida d-danni li għalihom iwieġeb il-konvenut fis-somma ta' seba' mija u tnejn u erbgħin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm742.50), u tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi d-danni hekk likwidati flimkien ma' l-imgħax minn dakinhar meta saret talba għall-ħlas b'att ġudizzjarju sa meta jsir il-ħlas. L-ispejjeż ġudizzjarji għandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------